**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tal-14 ta' Jannar 2016

Appell Nru: 485/2014

**Il-Pulizija**

**vs**

**Raymond Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmi Raymond Spiteri detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 577365M talli fix-xahar ta' Gunju, 2014 u fix-xhur ta' qabel fl-inhawi tal-Imriehel, Birkirkara u f'kull hin tal-gurnata meta d-diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda: 1) Gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Charles Farr u persuni ohra b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna; u 2) talli fl-istess lok, data u

cirkostanzi sakkar jew gieghel jew ippermetta li xi annimal jissakkar f'xi post minghajr ma ha dawk il-prekawzjonijiet mehtiega skond ic-cirkostanzi sabiex ma thallix l-annimal iddejjaq lil girien permezz ta' nbieh jew tnewwieh jew xort' ohra u dan bi ksur tal-Art. 153 tal-Kap 10. Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat Raymond Spiteri sabiex inehhi mill-fond l-imsemmi annimal fi zmien moghti minn din il-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-18 ta' Novembru, 2014, li permezz taghha wara li rat l-artikoli 252 (1)(a)(b) tal-Kap 9 u l-artikolu 153 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1) akkuza u kkundannatu multa ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2500) filwaqt li lliberatu mit-tieni(2) akkuza stante li ma kienitx ippruvata.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Raymond Spiteri, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu ma sabitux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minn l-ewwel akkuza.

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Novembru 2015 quddiem din il-Qorti li permezz tieghu ssollevat *ex officio* in nullita' tas-sentenza appellata stante li l-artikolu tal-ligi indikat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza huwa zbaljat;

Ikkunsidrat:

Illi waqt it-trattazzjoni tal-appell l-Qorti nnutat illi l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu zbaljat tal-ligi meta sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza. Fil-fatt l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jirravviza l-ingurja bil-kliem, b'gesti, b'kitba jew b'xi mod iehor. L-akkuza li dwarha instab hati l-appellant ma ghandha x'taqsam xejn ma dan ghaliex huwa kien akkuzat li ta fastidju lil Charles Farr u persuni ohra b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna;

Is-sentenza in dizamina ghalhekk hija kolpita b'nullita' ghaliex l-Ewwel Qorti naqqset milli tindika dawk l-artikoli tal-ligi li dwarhom sabet htija fl-appellant igifieri dwar l-ewwel akkuza. Dan hu rikjest fuq piena ta' nullita' mill-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 (ara per ezemplari **Il-Pulizija vs Mario Agius App Krim 3.2.1995**);

Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi thassar u tannulla s-sentenza appellata ghaliex hija mankanti minn formalita' rikjesta skond l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Fit-termini tal-artikolu 482 Kap 9 l-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-mertu wara li tisma lill-partijiet.